A.L. 30 ta' l-1987

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR

(ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1987 dwar l-Awtorità tad-djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, l-Aġent President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1987 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2). Titolu.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar. Proprjetà speċifikata.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-30 ta' Marzu, 1987. Jum stabbilit.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

(a) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tal-Fgura (Ħdejn l-Iskola), limiti tal-Fgura, li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 74 sa 82 tal-kejl ta' madwar 1566 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Nofs in-Nhar u Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(b) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tal-Gudja (Tal-Mitħna), limiti tal-Gudja, addizzjonali mal-*Plot* Nru. 70 fl-imsemmi *Estate* tal-kejl ta' madwar 20 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar u min-Nofs in-Nhar u mil-Lbiċ ma' toroq pubbliċi.

(ċ) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tal-Mosta (Tal-Blata l-Għolja), limiti tal-Mosta:

(i) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 1 sa 8 tal-kejl ta' madwar 2521 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Xlokk u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 9 sa 16 tal-kejl ta' madwar 2387 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Lbiċ u Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern;

(iii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 17 sa 24 tal-kejl ta' madwar 2293 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Lbiċ u Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern;

(iv) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 25 sa 42 tal-kejl ta' madwar 5769 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk, Lvant u Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern;

(v) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 43 sa 65 tal-kejl ta' madwar 5231 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Xlokk u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern;

(vi) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 66 sa 99 tal-kejl ta' madwar 7547 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Lbiċ u Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern;

(vii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 100 sa 127 tal-kejl ta' madwar 5803 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Lbiċ u Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern.

(d) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ħal Qormi (Ħdejn is-*Central Supplies),* limiti ta' Ħal Qormi:

(i) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 1 sa 11 u 16 sa 31 tal-kejl ta' madwar 4487 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Lbiċ u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 32 sa 47 tal-kejl ta' madwar 2899 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Lbiċ u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern.

(e) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Pembroke (St George's), limiti ta' San Ġiljan:

(i) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 130 sa 145 tal-kejl ta' madwar 5170 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, mix-Xlokk u Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 146 sa 159 tal-kejl ta' madwar 4173 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Nofs in-Nhar u Lvant ma' proprjetà tal-Gvern;

(iii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 160 sa 171 tal-kejl ta' madwar 3685 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Lbiċ u Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern;

(iv) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 172 sa 181 u 190 sa 198 tal-kejl ta' madwar 5992 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Lbiċ u Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern;

(v) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 182 sa 189 tal-kejl ta' madwar 2446 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Nofs in-Nhar, Grigal u Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern;

(vi) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 199 sa 206 tal-kejl ta' madwar 2400 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Lbiċ u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern;

(vii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 207 sa 212 tal-kejl ta' madwar 1800 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Xlokk u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern;

(viii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 213 sa 218 tal-kejl ta' madwar 1800 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Xlokk u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern;

(ix) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 219 sa 228 tal-kejl ta' madwar 3000 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Xlokk u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern;

(x) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 229 sa 238 tal-kejl ta' madwar 2998 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Xlokk, u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern.